# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 12 ta' Dicembru 2019**

**Kawza Numru: 3**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 816/2019 JVC**

**Vincenza Bartolo**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrenti Vincenza Bartolo kkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 et sequens tal-Kodici Civili;**

2. Illi r-rikorrenti hija Vincenza Bartolo, mara li twieldet fl-14 ta' Gunju tas-sena 1946 bhalma jidher mill-Estratt mill-original tar-Registru tal-Maghmudija tal-Parrocca San Gorg Martri hawn annessa u mmarkata bhala **'Dok A'** u kif ukoll mill-kopja tal-karta tal-identita' taghha hawn annessa u mmarkata bhala '**Dok B**';

3. Illi n-numru tad-dar tar-rikorrenti inbidel u ghalhekk hemm bzonn li tinbidel ukoll il-karta tal-identita' taghha;

4. Illi meta r-rikorrenti ppruvat tbiddel il-karta tal-identita', ir-Registru Pubbliku nfurmawha li fl-Att tat-Twelid taghha hija kienet imnizzla bhala Vincenzo, u cioe' bhala persuna ta' sess maskili (*vide* l-anness u mmarkat **'Dok C'**), u li ghalhekk jekk kellha tordna karta tal-identita' gdida, tali karta tal-identita' kienet tohrog taht l-isem ta' Vincenzo Bartolo;

5. Illi milli jidher, meta twieldet ir-rikorrenti, l-ufficjal tar-Registru Pubbliku kien irregistra s-sess tat-tarbija bhala maskili minflok femminili u b'isem maskili ta' Vincent Amretto Francis minflok kif imnizzel fic-certifikat tal-maghmudija surreferit, u cioe bhala Vincenza Concetta Francesca;

6. Illi prezumibbilment, dan l-izball sehh bi zvista min-naha tal-ufficjal tar-Registru Pubbliku;

7. Illi r-rikorrenti u t-tfal taghha ppruvaw jitolbu lir-Registru Pubbliku sabiex isiru l-korrezzjonijiet necessarji, biss l-istess Dipartiment stqarr li kellha ssir talba lill-Qorti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

8. Illi flimkien ma' dan ir-rikors guramentat, qed jigi anness u mmarkat bhala '**Dok G**' certifikat tat-tabiba Dr. Nadia Cilia,

it-tabiba tar-rikorrenti ghall-ahhar hamsa u ghoxrin (25) sena, fejn l-istess tabiba tikkonferma s-sess femminili tar-rikorrenti u fejn tikkonferma wkoll l-immobilita' tar-rikorrenti;

9. Illi qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala '**Dok H**' kopja tal-Att taz-Zwieg registrat fl-Ufficju tar-Registru Pubbliku ta' Malta ta' bejn ir-rikorrenti u r-ragel taghha Pio Bartolo;

10. Illi qed jigu hawn annessi u mmarkati bhala **'Dok D'** sa **'Dok F'** kopji tac-certifikati tat-tfal tar-rikorrenti.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:

1. Tiddikjara zball fl-isem ta' "Vincent Amretto Francis" fuq ic-certifikat tat-twelid li jinsab fir-Registru Pubbliku b'dan li l-isem ghandu jkun "Vincenza, Concetta, Francesca";

2. Tiddikjara zball fis-sess tal-esponenti fuq ic-certifikat tat-twelid li jinsab fir-Registru Pubbliku ta' Malta b'dan li s-sess ghandu jkun 'female';

3. Thassar u tirrevoka l-isem "Vincent Amretto Francis" u s-sess "male" fuq ic-certifikat tat-twelid li jinsab fir-Registru Pubbliku ta' Malta;

4. Tiddikjara illi l-isem tal-esponenti huwa "Vincenza Concetta Francesca" u li s-sess tal-esponenti huwa 'female' u tali tibdil ghandu jigi riflett fuq ic-certifikat tat-twelid li jinsab fir-Registru Pubbliku ta' Malta;

5. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut minn issa ngunt għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif isegwi:

1. Illi mingħajr pregudizzju għas-suespost u għal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi ma huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors guramentat;

2. Illi l-esponent umilment jirrileva illi għat-talbiet kif dedotti huwa jirrimetti ruħu għall-għaqli u s-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, salv pero' li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi u dan sabiex tkun imsaħħa l-pozizzjoni tar-rikorrenti u cioe' illi tul ħajjitha hija kienet konsistentament msejħa bħala 'Vincenza';

3. Illi bla ħsara għal fuq espost, l-esponent jeċċepixxi illi r-Registru Pubbliku m'għandux jinżamm responsabbli ta' din id-diskrepanza fl-isem tar-rikorrenti stante li fil-każ *de quo*, fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni, hawn anness u mmarkat bħala Dok. DRP 1', l-informazzjoni inserita kienet iddikjarata minn missier ir-rikorrenti, hekk kif jixhed l-istess Att. Għaldaqstant, dan juri biċ-ċar illi fil-każ odjern ma jirriżultax illi kien sar xi nuqqas min-naħa tar-Registru Pubbliku u b'hekk l-esponent ma għandux ibati l-ispejjez tal-proceduri istanti;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi ngunta in subizzjoni.

**Ikkunsidrat;**

Rat illi saret id-debita publikazzjoni fl-atti;

In vista tal-provi kollha prezentat fl-atti, partikolarment id-dokumentazzjoni, il-Qorti tqis illi t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u ser tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet kif isegwi:

**Decizjoni**

(1) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li hemm zball fl-isem ta' 'Vincent Amretto Francis' fuq ic-certifikat tat-twelid li jinsab fir-Registru Pubbliku u dan billi l-isem ghandu jkun 'Vincenza Concetta Francesca';

(2) Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara illi hemm zball fis-sess tal-esponenti rikorrenti Vincenza Bartolo fuq ic-certifikat tat-twelid li jinsab fir-Registru Pubbliku ta' Malta, dan l-istess ghandu jkun 'female';

(3) Tilqa' t-tielet talba u thassar u tirrevoka l-isem 'Vincent Amretto Francis' u s-sess 'male' fuq ic-certifikat tat-twelid li jinsab fir-Registru Pubbliku ta' Malta;

(4) Tilqa' r-raba' talba u tiddikjara li l-isem tal-esponenti huwa "Vincenza Concetta Francesca" u li s-sess tal-esponenti huwa 'femaile' u li talbi tibdil ghandu jigi rifless fuq ic-certifikat tat-twelid li jinsab fir-Registru Pubbliku ta' Malta u li jgib in-numru 5181 tas-sena 1946.

(5) Tilqa' l-hames talba u tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta id-decizjoni odjerna.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez fic-cirkostanzi kontra d-Direttur intimat.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**12 ta' Dicembru 2019**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**12 ta' Dicembru 2019**